2024/2610

2.10.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2610

tat-30 ta' Settembru 2024

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Iżrael u l-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew minn żona jew minn kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom, fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u tal-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) L-Iżrael huwa elenkat għad-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet kollha tal-pollam li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Annessi V, XIV u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u d-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet rilevanti tal-pollam li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Annessi V u XIV ġie sospiż minħabba tifqigħat tal-marda ta' Newcastle jew tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI, Highly Pathogenic Avian Influenza). Il-kundizzjonijiet speċjali "P2" jew "P1" fil-kolonna 4 tat-tabella fit-Taqsima B, il-Parti 1 tal-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jirriflettu, rispettivament, li s-sospensjoni ta' żoni speċifiċi fl-Iżrael hija dovuta għat-tifqigħa/tifqigħat tal-marda ta' Newcastle jew it-tifqigħa/tifqigħat tal-HPAI.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(6) Fl-4 ta' Settembru 2024, l-Iżrael informa lill-Kummissjoni dwar il-konferma ta' tifqigħa tas-sottotip H5N1 tal-HPAI fi stabbiliment tal-pollam bid-dundjani fid-Distrett tat-Tramuntana.

(7) Biex tirrifletti dik it-tifqigħa riċenti tal-HPAI fid-Distrett tat-Tramuntana fl-Iżrael, jenħtieġ li tiżdied il-kundizzjoni speċifika "P1" fil-kolonna 4 tat-tabella fit-Taqsima B, il-Parti 1 tal-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għaż-żoni rilevanti fl-Iżrael.

(8) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar żewġ tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fl-istat ta' California u Florida, li ġew ikkonfermati fit-18 ta' Settembru 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(9) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti stabbiliet żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentat politika tal-qerda biex tikkontrolla l-preżenza tal-HPAI u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda.

(10) L-Istati Uniti ppreżentaw l-informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u dwar il-miżuri li ħadu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI bħala segwitu għat-tifqigħat riċenti fl-Istati ta' California u Florida.

(11) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni ristretti stabbilita mill-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti, jenħtieġ li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni ristretti fl-istati ta' California u ta' Florida, biex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(12) Barra minn hekk, l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Dik l-informazzjoni aġġornata kkonċernat is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward ta' 15-il tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Colorado (1), Florida (3), Iowa (2), Michigan (2), Minnesota (5) u New Mexico (2), li ġew ikkonfermati bejn it-12 ta' April 2024 u d-19 ta' Lulju 2024 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) L-Istati Uniti ssottomettew ukoll informazzjoni dwar il-miżuri li ħadu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara dawn it-tifqigħat tal-HPAI, l-Istati Uniti implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, kif ukoll lestew ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfezzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Istati Uniti, u jidhrilha li dawn ipprovdew garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni miż-żoni kkonċernati, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex ta' theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tal-Istati Uniti, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fl-Iżrael u fl-Istati Uniti.

(16) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Iżrael u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Iżrael u mal-Istati Uniti, jenħtieġ li l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament isiru effettivi bħala kwistjoni ta' urġenza.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għall-Iżrael hija sostitwita b'dan li ġej:

"**IL** Iżrael	IL-0	BPP, BPR, DOC, DOR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	P1, P2		28.1.2017	
		SP	P1, P2		18.4.2015	
		SPF"				

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.641 hija sostitwita b'li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.641	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.4.2024	30.8.2024"

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.643 hija sostitwita b'li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2. 643	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		17.4.2024	30.8.2024"

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.645 hija sostitwita b'li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.645	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		26.4.2024	11.8.2024"

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.647 hija sostitwita b'li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.647	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		2.5.2024	11.8.2024"

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.655 hija sostitwita b'li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.655	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.5.2024	9.8.2024"

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.657 hija sostitwita b'li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.657	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.6.2024	1.9.2024"

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.660 u US-2.661 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.660	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.6.2024	16.8.2024
	US-2.661		N, P1		13.6.2024	2.9.2024"

(ix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.663, US-2.664 u US-2.665 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.663	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		18.6.2024	10.8.2024
	US-.664		N, P1		21.6.2024	31.8.2024
	US-2.665		N, P1		27.6.2024	25.8.2024"

(x) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.671 hija sostitwita b'li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.671	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		16.7.2024	2.9.2024"

(xi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.673, US-2.674 u US-2.675 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.673	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		19.7.2024	23.8.2024
	US-2.674		N, P1		19.7.2024	23.8.2024
	US-2.675		N, P1		19.7.2024	23.8.2024"

(xii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.678 sa US-2.679 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.677:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.678	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		18.9.2024	
	US-2.679		N, P1		18.9.2024”	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.678 sa US-2.679 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.677:

“L-Istati Uniti	US-2.678	State of California Merced 12 Merced County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 120.7901850°W 37.4445084°N)
	US-2.679	State of Florida Orange 01 Orange County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 81.2745525°W 28.6759464°N)’

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-Iżrael hija sostitwita b’dan li ġej:

“IL Iżrael	IL-0	RAT	P1, P2		28.1.2017	
		GBM	P1, P2		18.4.2015	
	IL-1	POU	N, P1		24.4.2019	
	IL-2	POU	P1, P2		21.1.2017”	

(b) fl-entrata għall-Istati Uniti:

(i) ir-ringieli għaż-żona US-2.641 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.641	POU, RAT	N, P1		12.4.2024	30.8.2024
		GBM	P1		12.4.2024	30.8.2024”

(ii) ir-ringieli għaż-żona US-2.643 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.643	POU, RAT	N, P1		17.4.2024	30.8.2024
		GBM	P1		17.4.2024	30.8.2024”

(iii) ir-ringieli għaż-żona US-2.645 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.645	POU, RAT	N, P1		26.4.2024	11.8.2024
		GBM	P1		26.4.2024	11.8.2024”

(iv) ir-ringieli għaż-żona US-2.647 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.647	POU, RAT	N, P1		2.5.2024	11.8.2024
		GBM	P1		2.5.2024	11.8.2024"

(v) ir-ringieli għaż-żona US-2.655 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.655	POU, RAT	N, P1		21.5.2024	9.8.2024
		GBM	P1		21.5.2024	9.8.2024"

(vi) ir-ringieli għaż-żona US-2.657 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.657	POU, RAT	N, P1		3.6.2024	1.9.2024
		GBM	P1		3.6.2024	1.9.2024"

(vii) ir-ringieli għaż-żoni US-2.660 u US-2.661 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.660	POU, RAT	N, P1		12.6.2024	16.8.2024
		GBM	P1		12.6.2024	16.8.2024
	US-2.661	POU, RAT	N, P1		13.6.2024	2.9.2024
		GBM	P1		13.6.2024	2.9.2024"

(viii) ir-ringieli għaż-żoni US-2.663, US-2.664 u US-2.665 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.663	POU, RAT	N, P1		18.6.2024	10.8.2024
		GBM	P1		18.6.2024	10.8.2024
	US-2.664	POU, RAT	N, P1		21.6.2024	31.8.2024
		GBM	P1		21.6.2024	31.8.2024
	US-2.665	POU, RAT	N, P1		27.6.2024	25.8.2024
		GBM	P1		27.6.2024	25.8.2024"

(ix) ir-ringieli għaż-żona US-2.671 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.671	POU, RAT	N, P1		16.7.2024	2.9.2024
		GBM	P1		16.7.2024	2.9.2024"

(x) ir-ringieli għaż-żoni US-2.673, US-2.674 u US-2.675 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.673	POU, RAT	N, P1		19.7.2024	23.8.2024
		GBM	P1		19.7.2024	23.8.2024
	US-2.674	POU, RAT	N, P1		19.7.2024	23.8.2024
		GBM	P1		19.7.2024	23.8.2024
	US-2.675	POU, RAT	N, P1		19.7.2024	23.8.2024
		GBM	P1		19.7.2024	23.8.2024"

(xi) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.678 u US-2.679 wara r-ringieli għaż-żona US-2.677:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.678	POU, RAT	N, P1		18.9.2024	
		GBM	P1		18.9.2024	
	US-2.679	POU, RAT	N, P1		18.9.2024	
		GBM	P1		18.9.2024".	